# MA NISTRIHUX

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

*(Lill-ħabib tiegħi, P. Valentin Barbara, O.P., awtur tal-poeżija* "Nistrieħu ftit" *f'*IL-MALTI, *Ġunju, 1953, paġ. 36)*

Bħalek demmi nħoss kiesaħ
U bija l-art iddur,
Il-ħajja trid tgħaffiġni,
Bħalek!... bħalek maħqur...!!
Iżda jekk ngħixu fl-għana,
Fit-trab, għid, min jitfagħna?

Għalkemm it-triq li mxejna
Imħarbta, mwiegħra wisq,
Għalkemm ix-xemx ħaqritna
U mkien ma sibna riżq;
Xi faraġ joqrob lejna
Maż-żmien, u jbus ħaddejna.

Jekk hawn min stagħġeb bina,
Ra l-ħidma w baqa' għaddej
Imbissem, u maqdarna,
Tqissux... għax mhux għannej.
Tbissima ta' tmaqdira
Għax twaqqa' 'l qalbna lsira?

Ħabib, tibżax mill-għaja,
Mid-daħk u mit-tmaqdir,
Nimxu... jekk nieqfu, nonqsu
Mill-ogħla w l-eqdes dmir,
Għax Alla mmutu jridna
Poeti t'art twelidna.

Ħabib, nerġa' ntennilek:
Aħjar ma nistriħux,
Inkomplu l-mixja twila,
Ħabib, ma nitnikkrux.
Jekk l-għaja waqgħet fuqek
Tibżax, hawn jien insuqek.

Ħabib, ngħidlek is-sewwa,
Aħjar ma nistriħux,
Għalkemm it-tnejn għajjiena,
It-tnejn ma nifilħux;
Ikollna żmien nistrieħu
Meta fl-għana nixjieħu.